



Brussell, 3 ta' Mejju 2024  
(OR. en)

9029/24

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0278(COD)**

**CODEC 1129  
FRONT 130  
IXIM 115  
COMIX 188**

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
|----------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                   |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq il-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 <b>(l-ewwel qari)</b><br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta<sup>1</sup> tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 77(2), il-punti (b) u (d) TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Frar 20212.
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Marzu 20213.
4. Fl-10 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni<sup>4</sup>. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

<sup>1</sup> 11224/20 + ADD 1.  
<sup>2</sup> ĠU C 155, 30.4.2021, p. 64.  
<sup>3</sup> ĠU C 175, 7.5.2021, p. 32.  
<sup>4</sup> 8589/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill<sup>56</sup> japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab  
fid-dokument PE- CONS 20/24, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, bl-Ungerija u l-Polonja jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

- 
- <sup>5</sup> F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, kif anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament jekk hijiex ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.
  - <sup>6</sup> Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE. Għalhekk l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.